**DIRETTORAT TAL-KULTURA**

**WIRJA TAL-PRESEPJI MALTIN U GĦAWDXIN**
**FIL-MUSEUM OF THE BIBLE, WASHINGTON D.C.**

**REGOLAMENTI ĠENERALI**

1. Iż-żewġ temi ta' presepji/diorami magħżulin għal din l-esebizzjoni huma:
    a. Presepji tradizzjonali Maltin/Għawdxin (b'xeni tradizzjonali Maltin/Għawdxin)
    b. Presepji Bibliċi;
2. Il-presepji jridu jkunu kompluti bil-pasturi;
3. Il-pasturi u l-presepji jistgħu jkunu maħdumin bejn żewġ artisti differenti jew aktar;
4. Jistgħu jintużaw kwalunkwe tip ta' pasturi;
5. Ma jistgħux jintużaw materjali li huma protetti bil-liġi;
6. Qisien tal-presepju: l-ikbar qies (2.5m tul x 2.1m wiesa' x 2.1m għoli) u l-iżgħar (1.5m tul x 1.5m wiesa' x 1m għoli);
7. F'każ ta' presepji tondi, il-massimu hu ta' dijametru ta' 2.1m; l-iżgħar hu ta' dijametru ta' 1.5m.
8. Kull presepju jrid ikollu toqol li jista' jinġarr manwalment biss;
9. Elettriku wżat, kif ukoll jekk ikun hemm apparat biex jissuplixxi movimenti u aġġeġġi oħra, irid ikun ta' 12 *volts* jew 24 *volts*;
10. Il-presepji jibqgħu propjetà tal-individwu/i ħlief għal li jiġi ġġudikat fl-ewwel post għax dan isir parti mill-esebiti tal-Mużew;
11. Id-Direttorat tal-Kultura jista' jesiġi li l-presepji magħżula jiġu murija f'post ieħor (kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta) anke matul l-2021.
12. Id-deċiżjoni tal-Ġurija hija finali.
13. Il-Presepist irid jaċetta li dan ix-xogħol tiegħu jkompli jieħu sehem f'wirjiet organizzati mid-Direttorat tal-Kultura matul l-2020 u l-2021.
14. Kull Presepju għandu jkollu l-isem ta' kull min ta' sehmu.
15. Presepist wieħed ma' kull presepju li jiġi magħżul ser ikollu l-vjaġġ Malta-Washington-Malta imħallas fuq bażi Economy Class.

16. Ser jingħata *per diem allowance* għal erbat ijiem waqt li jkun f'Washington.
17. Presepji li jidħlu għal din il-kompetizzjoni jridu jkunu lesti u mwassla fil-post indikat mid-Direttorat tal-Kultura sat-**Tlieta, 15 ta' Settembru 2020.**
18. Wara li ssir l-għażla mill-Ġurija, l-Presepisti jridu jippakkjaw b'mod sigur il-presepju sħiħ tagħhom biex jiġi mibgħut l-Istati Uniti.
19. Il-presepji kollha magħżula ser ikunu inxurjati.
20. Id-Direttorat tal-Kultura ser jagħmel l-arranġamenti kollha ma' The Museum of the Bible biex il-presepji (minbarra dak li jiġi ġġudikat fl-ewwel post mill-Ġurija) jirritornaw lura għand l-individwu f'Malta.
21. Jekk tinqala' l-opportunità, mhux eskluż li l-presepji jistgħu jiġu mibgħuta f'belt u/jew pajjiż ieħor għal wirja oħra.
22. Hija r-responsabbiltà tal-Presepist li jara li l-ismijiet kollha huma mniżżla u miktuba kif mixtieq mill-awtur.

Min hu interessat jista' jikteb lil emanuel.e.vella@gov.mt sal-**31 ta' Lulju 2020**. Ser tinżamm laqgħa ta' informazzjoni għal dawk kollha li huma interessati li jipparteċipaw f'din il-wirja nhar Il-Ħadd 2 ta' Awwissu 2020 fl-10.00 a.m. Il-post fejn ser issir il-laqgħa jiġi kkomunikat lil kull min jagħmel kuntatt mad-Direttorat tal-Kultura. Inħeġġu lil dawk kollha interessati sabiex jattendu.